MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2013

Numru. 75/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jessica Grima)**

**vs**

**JOSEPH MERCIECA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Joseph Mercieca, ta' 39 sena, iben missier Carmel u Georgina nee’ Formosa, imwieled Pieta’ nhar 11 ta' Dicembru, 1973, u residenti gewwa l-fond Carif, Flat 4, Triq Giuseppe Despot, San Pawl il-Bahar, u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 38874M.

Talli f'dawn il-Gzejjer, nhar il-21 ta' Jannar, 2013, ghal habta tas-sitta u kwart ta' flighodu (06:15hrs) gewwa l-Mosta:
1. waqt li kien qed isuq vettura tal-ghamla **Seat Ibiza ST**, bin-numri tar-registrazzjoni **LCQ 163**, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna **feriti gravi** fuq il-persuna ta' Giuseppe Zammit hekk kif iccertifikat mit-tabib **Dr. Refalo** bin-numru tar-registrazzjoni mediku **3235**.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. JG3 u nnutat li l-imputat Joseph Mercieca m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammisjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammisjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammisjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artkolu 226 tal-Kap. 9 u l-art. 15 (1) (a) u 15 (2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Joseph Mercieca, fuq ammisjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali tal-imputat, tillibera lill-istess imputat Joseph Mercieca taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin

millum u inoltre tikkundanna lill-imputat Joseph Mercieca ghall-piena ta' hamsin Ewro (Ewro 50) multa.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 15(2) tal-Kap. 65, tiskwalifika lill-imputat Joseph Mercieca milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien hmistax (15)-il gurnata millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Joseph Mercieca l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------